MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Numru 633/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Carmelo Formosa**

**Illum 27 t'April, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmelo Formosa** ta' 42 sena, bin il-mejjet George u Grace *nee'* Camilleri, mwieled San Giljan, fl-14 ta' Dicembru, 1960, residenti 57 'Mater Dei', Triq il-Blajjiet, Marsaskala, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 805660M;

Talli f'dwan il-Gzejjer, fid-29 ta' Mejju, 2003, u fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(1) bil-qerq hloqt jew gieghelt jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prove kontra persuna ohra, bi hsieb li b'hekk din il-persunatkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u talli ddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx u dan bi ksur ta' l-artikolu 110(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza u fi zminijiet ta' wara ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe' minn skrittura privata ffirmata minn Marco Attard
fuq letterhead ta' Carmel's Garage Motor Repairs, u dokumeni ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) kif ukoll ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-artikoli 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-24 ta; Lulju, 2003 skond l-artikolu 370(4) tal-kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun deciz u trattat bil-procedura sommorja.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2003.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat wara li rat l-atti kollha tal-kawza u semghat id-dikjarrazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat ma jirrizultax li ghamel uzu mill iskrittura falsifikata, hlief ghall-akkuza li ghamel uzu minn xi documenti falsifikati u minnha tilliberah.

Wara li rat l-artikoli 110 (1) u (2) u 189 tal-Kap 9. wara illi rat il-Fedina Penali tal--imputat, tikkundanah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekkorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor

punibbli bi prigunerija fi zmien sena (1) mil-lum u dan skond l-att 28A Kap 9.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artiklu 109 (1) Kap 9 qed tinterdixxi lill-imputat b'mod generali kif ukoll tinterdixxi lill-istess imputat milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qorti tal-Gustizzja u bhala perit u dan ghal-perjodu ta' hames (5) snin;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------